MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 323/1991/2

**Charles Busuttil u Joseph Busuttil bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Foster Clarke Products Limited***

***Versus***

**Alfred Spiteri**

Din il-kawża hija dwar materjal imqiegħed ma' ħajt li jifred żewġ proprjetajiet.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi bniet imħażen fil-qasam industrijali ta' San Ġwann u tellgħet ħajt doblu għat-tul ta' xi erba' mija u ħamsin pied (450') sabiex tifred il-proprjetà tagħha mas-sit li jmiss magħha, li huwa ogħla minn dak fejn huma mibnija l-imħażen. Wara li tlestew ix-xogħlijiet, il-konvenut qiegħed mal-ħajt kwantità ta' ħamrija, billi għollieha kważi sal-quċċata tal-ħajt, bla ma ħa ħsieb biex ma ssirx ħsara lill-ħajt. Dan l-għemil tal-konvenut bi ksur tal-liġi għamel ħsara kbira lill-ħajt, u qiegħed jagħmel danni kbar lill-benefikati magħmula mill-

attriċi u joħloq perikolu għall-proprjetà u għall-impjegati tagħha.
Billi għalxejn sejħet lill-konvenut biex ma jkomplix b'dan l-għamil tiegħu, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi din il-qorti, wara li tgħid illi l-konvenut ma kellux jedd iqiegħed ħamrija mal-ħajt:
1. tikkundannah sabiex bi flusu u fi żmien qasir ineħħi l-ħamrija u jbaxxiha sal-livell li kellha qabel;
2. tikkundannah sabiex bi flusu u fi żmien qasir jagħmel it-tiswijiet kollha meħtieġa fil-ħajt;
3. tagħti lill-attriċi s-setgħa illi, jekk jonqos il-konvenut, tagħmel hi, bi flusu, ix-xogħlijiet meħtieġa għat-tneħħija tal-ħamrija u għat-tiswija tal-ħajt;
4. tgħid illi l-konvenut għandu jwieġeb għad-danni kollha li bl-għemil tiegħu bi ksur tal-liġi ġarrbet l-attriċi;
5. tillikwida d-danni li ġarrbet l-attriċi; u
6. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk tal-protest tat-30 t'Awissu 1990.
Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:
1. l-atturi *nomine* għandhom juru illi tassew għandhom is-setgħa li jidhru f'isem is-soċjetà attriċi; il-konvenut irtira din l-eċċezzjoni waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 1991[1];
2. il-Qorti tal-Kummerċ ma għandhiex kompetenza biex tisma' u taqta' din il-kawża; din l-eċċezzjoni ntlaqgħet b'sentenza mogħtija fil-25 ta' Frar 1991[2], konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Marzu 1991[3], u l-kawża tkompliet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;
3. il-kawża hija intempestiva għax il-partijiet kienu qegħdin f'negozjati u ftiehmu (i) illi l-attriċi tħallas lill-konvenut kumpens għall-ħsara li għamlitlu fi proprjetà li għandu l-pussess tagħha, (ii) illi l-attriċi tagħmel bi flusha dak kollu li hu meħtieġ biex jitneħħa l-materjal li nġema' mal-ħajt;
4. ma hux minnu illi kien il-konvenut li qiegħed materjal mal-ħajt li bniet l-attriċi biex jifred il-proprjetajiet; il-materjal intefa' minn ħaddiem imqabbad mill-attriċi, b'dannu għall-konvenut illi l-attriċi wegħditu li sejra tikkumpensah għalih; u

1 *Fol*. 17.
2 *Foll*. 22 *et seqq.*
3 *Foll*. 31 *et seqq.*

5. Ianqas ma hu minnu illi l-ħajt ġarrab ħsarat kbar minħabba l-materjal imqiegħed miegħu; il-ħajt inbena ħażin u mhux kif iridu l-arti u s-sengħa, u għalhekk hija l-attriċi li taħti għal xi ħsara li setgħet saret.

B'dikriet tat-30 ta' Mejju 1991[4] inħatar perit tekniku, u dan irrelata fil-11 ta' Marzu 2002. Żamm aċċess u erbgħa u għoxrin seduta u matul disgħa minnhom sema' wkoll xi xhieda jew irċieva dokumenti. Sarulu wkoll xi mistoqsijiet[5] wara li kien pubblikat ir-rapport, u wieġeb għalihom fl-10 ta' Ġunju 2004[6].

Din il-kawża saret għax inġema' materjal mal-ħajt imtella' mill-attriċi biex tifred il-proprjetà tagħha minn dik li tmiss magħha. Dak il-materjal għamel ħsara lill-ħajt. Il-partijiet qegħdin jaqblu illi l-materjal tefgħu l-kuntrattur imqabbad mill-attriċi, iżda r-rappreżentant ta' l-attriċi jgħid illi dan ma sarx fuq istruzzjonijiet ta' l-attriċi, u anzi sar bla ma kienet taf hi, u jassumi illi l-kuntrattur tefa' l-materjal għax talbu l-konvenut. Il-konvenut iżda jiċħad dan u, anzi, igħid illi l-materjal intefa' kontra r-rieda tiegħu.

L-aħjar xhud biex igħid min qabbdu jitfa' l-materjal kien ikun il-kuntrattur stess, iżda dan ma tressaqx biex jixhed.

Ladarba l-attriċi tammetti illi ma kienx il-konvenut stess li tefa' l-materjal iżda tgħid illi kien xi ħadd imqabbad minnu, l-oneru kien fuqha li turi illi dak li tefa' l-materjal tassew kien imqabbad mill-konvenut. Din il-prova ma għamlithiex.

Billi għalhekk il-konvenuta ma wrietx illi kien il-konvenut jew xi ħadd imqabbad minnu li tefa' l-materjal, u anzi ammettiet illi kien il-kuntrattur tagħha stess, ma wrietx illi l-konvenut għamel xi ħaġa bi ksur tal-liġi, u li għalhekk jaħti għall-ħsara; għalhekk it-talbiet ta' l-attriċi ma jistgħux jintlaqgħu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

[4] *Fol*. 42.
[5] *Fol*. 104.
[6] *Foll*. 119 *et seqq.*

---------------------------------TMIEM---------------------------------